MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 607/2009

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Stephen Zammit**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disgha mija u tnejn ewro u tlieta u tlettin ewro centezmi (€902.33) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21382989 (CN270189 – AC 10126276) skont diversi kontijiet mibghuta lilhu u skont id-dokumenti hawn annessi w immarkati IZY1 u IZY2.

Illi l- konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2009 mill-PL Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------